MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2166/1999/1

**Maria Annunziata Mizzi**

**vs.**

**Antonio Meilak**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta’ Ottubru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta’ Jannar 1985, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness Dok. “A”;

Illi, li dan iz-zwieg hu null billi l-kunsens tal-attrici nkiseb b’qerq dwar il-kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga *a tenur* **tas-**

**subartikolu 1 (c) tal-Artikolu 19 tal-Att taz-Zwieg tal-1975**;

Illi, li dan iz-zwieg hu null ukoll billi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg *a tenur* **tas-subartikolu 1 (d)** tal-imsemmi **artikolu 19 tal-Att taz-zwieg tal-1975**;

Illi, ghalhekk dan l-istess zwieg hu null u bla effett *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Att taz-Zwieg tal-1975** b'tortijiet tal-konvenut;

Illi, l-istess attrici tablet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddecidi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-10 ta' Jannar 1985 hu null u bla effett *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Att taz-Zwieg tal-1975** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda minnha prezentati a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' Maria Annunziata Mizzi datat 7 ta' Ottubru, 1999 fejn hi talbet li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tappunta din il-kawza ghal data vicina bid-dispunsa tal-ferji biex tigi tratta u deciza b'urgenza skond il-ligi.

Rat id-digriet tat-18 ta' Ottubru, 1999, fejn il-Qorti qalet li trid qabel xejn issir notifika lill-kontro parti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-rikors ta' Antonio Meilak datat 17 ta' Novembru 1999 a fol. 9 tal-process, fejn espona bir-rispett illi peress

li fl-imsemmi rikors jinghad li l-imsemmija citazzjoni tikkoncerna l-validita' taz-zwieg tieghu mal-attrici, l-esponenti m'ghandux oggezzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' r-rikors u takkorda l-urgenza u l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat id-digriet datat 6 ta' Marzu 2000 a fol.10, fejn il-Qorti cahdet it-talba ghall-urgenza w appuntat l-kawza ghas-smiegh ghad-19 ta' Mejju.

Rat in-nota tal-Eccezzjonijiet tal-Ispizjar Anton Meilak datata 5 ta' April 2000 a fol. 15 fejn eccepixxa:-

1. Illi, l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg tieghu mal-attrici huwa null u bla effett izda mhux ghar-ragunijiet edotti mill-attrici izda ghaliex il-kunsens tal-eccipjenti nkiseb bi vjolenza morali, jew biza kif kontemplat fil-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255,** u/jew ghaliex il-kunsens tal-attrici kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-attrici li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif kontemplat bl-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255**, u/jew ghaliex il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg kif kontemplat fl-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255;**

2. Illi, l-eccipjenti jrid jiprevalixxi ruhu mill-azzjoni tal-attrici sabiex jipproponi l-infraskritta kontro-talba;

3. Illi, salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 16 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-Ispizjar Anton Meilak datata 5 ta' April 2000 a fol.17 fejn gie premess:-

Illi, il-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Jannar 1985 fil-Knisja tas-Silg, Marsaxlokk u ma kellhomx tfal;

Illi, l-kontendenti kienu ilhom jkollhom relazzjonijiet sesswali regolari sa minn erba' snin qabel iz-zwieg, liema zwieg gie precipitat mill-attrici rikonvenuta illi heddet lill-eccipjenti li titilqu jekk huwa ma jizzewwigiex, kif fil-fatt l-eccijenti kien kostrett jaghmel u dan meta kien bla impieg, bla akkomodazzjoni adegwata u minghajr ebda preparazzjoni ghaz-zwieg;

Illi, l-attrici rikonvenuta dejjem insistiet illi jkollha relazzjonijiet sesswali protetti u dan ghaliex qatt ma kellha l-intenzjoni li jkollha tfal;

Illi, ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla effett ghaliex il-kunsens ta' l-esponenti nkiseb bi vjolenza morali, jew biza kif kontemplat fl-**Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255**, u/jew ghaliex il-kunsens tal-attrici rikonvenuta kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbili ghall-attrici li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif kontemplat bl-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255,** u/jew ghaliex il-kunsens tal-attrici rikonvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg kif kontemplat fl-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255;**

Illi, l-istess konvenut rikonvenzjonat talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-10 ta' Jannar 1985 huwa null u bla effett *a tenur* ta' l-**Artikoli 19 (1) (a), (d)** u **(f) tal-Kap. 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici rikonvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mal-Kontro-talba tal-Ispizjar Anton Meilak a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbal datat 19 ta' Mejju 2000 fejn Dr. Chris Vella ghall-attrici nforma lill-Qorti li l-attrici ma gietx notifikata bil-kontro-talba tal-konvenut ghax kienet imsiefra, ghalhekk il-Qorti taghta l-fakulta' li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha bejn 2 ta' Ottubru 2000 u t-12 ta' Ottubru 2000, fil-liema perjodu hi kellha tkun Malta.

Rat in-nota tal-attrici datata 22 ta' Mejju 2000 a fol.21, li permezz taghha l-attrici pprezentat l-affidavit taghha.

Rat ir-rikors ta' Anton Meilak datat 22 ta' Gunju 2000 a fol. 25 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tappunta Imhallef supplenti, a spejjez tal-attrici, sabiex izomm seduti waqt li l-attrici tkun Malta bejn it-2 u t-12 ta' Ottubru 2000 biex isir il-kontro-ezami tal-attrici.

Rat id-digriet datat 4 ta' Awissu 2000 fejn il-Qorti laqghat it-talba w appuntat lil Dr. Victor Borg Grech bhala Imhallef supplenti ghall-iskop indikat, bis-spejjez provizorjament ghar-rikorrenti. Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors u tad-digriet lill-kontro-parti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rekonvenzjonata fejn eccipiet bir-rispett:

1. Illi, l-eccipjenti ssosstni illi z-zwieg taghha mal-konvenut m'huwiex null minhabba ragunijiet imputabbli lilha izda huwa null minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut kif premess fl-att ta' citazzjoni taghha u ghalhekk it-talbiet kif dedotti mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghandhom jigu michuda;

2. Illi, salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici rikonvenzjonata ghall-kontro-talba tal-konvenut datata 9 ta' Ottubru 2000, a fol.29 tal-process.

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru 2000, fejn ftit qabel is-seduta deher l-Imhallef supplenti Dr. Victor Borg Grech li nforma lil Qorti li kien hemm seduta f' dik il-gurnata stess.

Rat in-nota tal-Imhallef Supplenti Dr. Victor Grech a fol.32, li permezz taghha pprezenta verbal tas-seduti mizmuma minnu fl-edifizzju tal-Qrati Superjuri u li fihom ha d-deposizzjoni in kontro-ezami tal-attrici u ri-ezami taghha.

Rat il-verbal datat 8 ta' Novembru 2000, fejn l-Imhallef supplenti esegwixxa l-inkarigu tieghu.

Rat ix-xhieda tal-konvenut, li nzammet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja, minn fol.64 sa fol.89.

Rat il-verbal tas-19 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tkompli tigbor il-provi.

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2001 fejn Dr. Chris Vella ghall-attrici nforma lil Qorti li l-provi kienu qed jingabru b'mod regolari.

Rat in-nota ta' Dr. Marse-Ann Farrugia u Dr. Frank Chetcuti Dimech datata 25 ta' Ottubru 2001 li permezz taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut Anton Meilak.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea minn fol.94 sa fol.130 tal-process.

Rat il-verbal datat 22 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru b'mod regolari.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 17 ta' Arpil 2002, fejn il-Qorti ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Raymond C. Pace LL.D. ghat-22 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 22 ta' Ottubru 2002 fejn l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea nfurmat lil Qorti li ilu ma jingabru provi u li l-partijiet infurmawha li hemm kawza quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku li waslet ghal decizjoni. Inghata digriet, il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistenta Gudizzjarja u baghtet il-kawza Sine Die.

Rat ir-rikors ta' Maria Annunziata Mizzi datat 27 ta' Jannar 2003 fejn tablet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha terga' tqieghed din il-kawza fil-lista tas-smiegh sabiex tkompli tinstema' skond il-ligi.

Rat id-digriet tas-27 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici tindika f'hiex waslet il-kawza quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku, u x'inhu l-intress tal-attrici la darba hemm tali kawza, li l-ezistenza taghha tippregludi l-kompetenza ta' din il-Qorti fil-materja u dan permezz ta' nota fi zmien seba' t'ijiem mill-llum.

Rat in-nota tal-attrici datata 3 ta' Frar 2003 a fol. 137 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici datata 11 ta' Frar 2003 a fol. 152 tal-process.

Rat id-digriet datat 14 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-attrici biex tipprezenta nota sabiex tispjega l-kompetenza ta' din il-Qorti, la darba il-kaz qed jinstema wkoll mit-Tribunal Ekklesjastiku, u dan b'referenza adhoc tal-**Artikoli tal-Ligi** u dan b'nota fi zmien hames t'ijiem mill-llum.

Rat id-digriet datat 6 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat l-kawza ghas-smiegh ghall-20 ta' Mejju 2003.

Rat in-nota tal-attrici datata 24 ta' Frar 2003 a fol. 155.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett'ostacolo* ghas-26 ta' Frar 2004, b'dan li sa din il-gurnata d-difensuri kellhom jinfurmaw lill-Qorti jekk id-decizzjoni tat-Tribunal Eklesjastiku gietx registrata skond il-ligi permezz tal-Qorti ta' l-Appell.

Rat in-nota tal-attrici datata 4 ta' Novembru 2003 li permezz taghha infurmat lil Qorti li d-decizjoni definittiva tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tal-25 ta' Marzu

2003 (Prot. N. 02/58) giet registrata *ai termini* ta' l-**artikoli 23 u 24 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** b'digriet tal-Qorti ta' l-Appell rikors numru 15/03 tas-16 ta' Gunju 2003 (Dok. "A").

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attrici **Maria Annuziata Mizzi** li gie prezentat permezz ta' nota datata 22 ta' Mejju 2000. Tali affidvit jinsab minn fol. 22 sa fol.24 tal-process.

Rat ix-xhieda tal-konvenut **Antonio Meilak**, li nzammet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea, tali xhieda tinsab minn fol.64 sa fol.84 tal-process. Din ix-xhieda giet mizmuma fit-2 ta' April 2001.

### ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici ppremettiet illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-kunsens ta' wahda u/jew l-iehor mill-partijiet ghall-istess kuntratt kien vizzjat ghal diversi ragunijiet previsti mill-**artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u precizament ghal dak li hemm indikat **fis-subincizi (c), u (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-istess Kap 255.** Filwaqt li l-konvenut fin-nota tal-eccezjonijiet tieghu sostna li dan iz-zwieg mhux validu abazi tas- **subincizi (a), (d) u (f) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1***)* *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(a) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'";*

*(c) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";*

*(d) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*(f) "Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19(1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), il-Qorti qalet illi *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also*

*to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn***, u **Brown R.** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu".*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (F.D. – 16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun*

*kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi l-kaz u t-talbiet attrici ser jigu issa ezaminati fuq il-premessa bbazata fuq id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19(1) (c) tal-Kap 255** u cjoe' jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex*

*vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici ssemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*“la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva…. La maturita’ di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita’ affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi’ una mancanza di consenso libero (immaturita’ affettiva) e ponderato (immaturita’ di giudizio)”* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *“e necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita’ intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra’ ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. “……..se il soggetto non e’ in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira’ che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe’ col*

*matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li

jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta' non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* **(*O. Giacchi* – "*Il consenso matrimoniale canonico"*).**

Illi fil-fatt jista' jinghad li ghalkemm il-prokreazzjoni tal-ulied hija mportanti tant li l-esklussjoni taghha mill-kunsens moghti fiz-zwieg jista' jwassal ghall-annullament taz-zwieg, li tidhol u taghti l-kunsens taz-zwieg unikament ghall-istess wild, u teskludi l-elementi essenzjali l-ohra kollha, jista' jwassal ghan-nullita' tal-istess zwieg.

## iii. Apprezament Tal-Provi Prodotti.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo*, rigward ic-citazzjoni attrici tirrizulta bla ebda dubju li l-konvenut fil-mument taz-zwieg kellu nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga, tant li jirrizulta mill-provi li mill-atteggjament tieghu kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg kien kwazi mpossibbli ghalih li jistabbilixxi xi forma ta' komunikazzjoni ma' martu l-attrici u aktar u aktar li l-kuncett innifsu ta' hajja komunali u konjugali bejn il-partijiet kienet kompletament estranja ghalih.  Dan huwa manifestat mix-xhieda kollha prodotta mill-attrici nkluz il-fatt li ghamlet zmien twil bl-istess konvenut lanqas biss ghamel xejn sabiex jipprovdi post dicenti fejn l-istess konjugi jkunu jistghu jghixu, u fil-fatt fil-process hemm ritratti li jixhdu l-istat miskin li fih kienet kostretta tghix l-attrici minhabba l-*inertia* da parti tal-konvenut.

Fil-fatt jirrizulta wkoll li anke' qabel iz-zwieg l-istess konvenut kien ibaghti minn kundizzjoni psikologika maghrufa bhala *obsessive compulsive disorder* li kienet

timpedih milli jikkomunika addirittura ma' martu, u dan hu konfermat ukoll mix-xhieda ta' Dr. Mariella Blackman moghtija quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Novembru 2001. Mill-bqija din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza tat-Tribunal Ekklessjastiku fil-kaz fl-ismijiet **"Mizzi – Meilak"** datat 27 ta' Jannar 2003 rigwardanti dan il-punt t'annullament abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, u din il-Qorti tikkonferma u taddotta l-istess in kwantu applikabbli ghal din id-decizjoni.

Illi min-naha l-ohra l-azzjoni attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 16**, din il-Qorti thoss li l-fatti fuq esposti ma jiggustifikawx talba ta' annullament fuq din il-bazi anke' peress li l-kundizzjoni tal-konvenut kienet gja' mmanifestat ruhha tul l-gherusija tal-partijiet u qabel iz-zwieg, u l-attrici kienet konxja tal-istess.

Illi ghar-rigward il-kontro-talba tal-konvenut, jista' jinghad illi mill-provi prodotti huwa konfermat li l-konvenut kellu dan in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju anke' peress li huwa jammetti b'mod mill-aktar car li huwa zzewweg lill-attrici bilfors peress li hu ma riedx jitlef li jkollu relazzjoni intima maghha u wkoll hass li kien ippressat minnha biex jiehu dan il-pass. Fil-konfront tal-attrici l-provi prodotti ma jirrizultax li hija kienet tbaghti minn dan il-vizzju ta' kunsens.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a)** l-kontro-talba tal-istess konvenut hija wkoll infondata peress li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-attrici attwat xi tip ta' vjolenza lanqas dik morali fil-konfront tal-konvenut biex dan jizzewweg. Kienet l-indecizjoni u l-kundizzjoni fuq spjegata tal-konvenut li wasslet ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg bejn il-partijiet u l-vizzju ta' kunsens da parti tal-konvenut kif fuq spjegat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi rigwardanti l-ahhar bazi t'annullament citata mill-konvenut *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f)**, jidher car li din ukoll ma tapplikax ghall-kaz in ezami fil-konfront tal-attrici, u dan peress li jidher li l-attrici kellha idea soda u korretta ta' x'inhu zwieg, u fil-fatt ghamlet minn kollox sabiex dan jirnexxi. L-ostakolu dejjem kien il-kundizzjoni anke'

psikologika tal-konvenut u d-difett tieghu ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif fuq premess.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-10 ta' Jannar 1985 hu null u bla effett *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att taz-Zwieg tal-1975** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut, din il-Qorti **taqta u tiddeciedi** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata**, u dan fis-sens li kien il-konvenut responsabbli ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg bejn il-partijiet abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, u filwaqt li **tichad il-kontro-talba tal-konvenut** inkwantu l-istess hija bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (a) (d) u (f) tal-Kap 255** peress li mhux minnu li kien hemm vizzju ta' kunsens da parti tal-attrici ghal dan iz-zwieg. Tilqa' pero' l-kontro-talba tal-konvenut biss fis-sens u kif deciz konsegwenti ghac-citazzjoni attrici, u cjoe' li hemm bazi ta' nullita' ta' zwieg minhabba difett fil-kunsens tal-konvenut skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-10 ta' Jannar 1995 huwa null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------